**MALTA**

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 2 ta' Frar 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Janis Caruana**
**(ID: 577785M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Janis Caruana** talli nhar it-13 ta' Jannar 2018, f'xi jiem u/jew xhur qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Piaggio Runner 125 bin-numru tax-chassis ZAPM0700003003606 liema serq huwa aggravat bil-valur, bix-xorta tal-ħaġa misruqa u bil-ħin, għad-dannu ta' Louise Camilleri;

2. U aktar talli f'Malta, xjentament laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u ċioe` Piaggio Runner 125 bin-numru tax-chassis ZAPM0700003003606, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

3. U aktar talli fl-istess ċirkostanzi, saq l-imsemmija vettura u ċioe` vettura tal-ghamla Piaggio Runner 125 bin-numru tax-chassis ZAPM0700003003606 mingħajr il-kunsens tas-sid, u ċioe` Louise Camilleri;

4. Saq vettura tal-għamla Piaggio Runner 125 bin-numru tax-chassis ZAPM0700003003606, mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;

5. U aktar talli fl-istess ċirkostanzi, żamm vettura bil-mutur u ċioe` vettura tal-ghamla Piaggio Runner 125, bin-numru tax-chassis ZAPM0700003003606, fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuża, mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida, jew permess taċ-ċirkolazzjoni validu jew diska tal-liċenzja temporanja valida, skont ma jkun applikabbli, maħruġa mill-Awtorita`;

6. U aktar talli fl-istess ċirkostanzi, għamel użu minn marki ta' reġistrazzjoni xort'oħra minn dawk mogħtija mill-Awtorita` dwar xi vettura bil-mutur u ċioe` fuq vettura tal-ghamla Piaggio Runner 125 bin-numru tax-chassis ZAPM0700003003606;

7. U aktar talli fl-istess ċirkostanzi saq l-imsemmija vettura u ċioe` fuq vettura tal-ghamla Piaggio Runner 125, bin-numru tax-chassis ZAPM0700003003606, mingħajr polza tal-assigurazzjoni dwar riskju għal terzi persuni;

8. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta` provizorja imposti mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Maġistrat Dott. Natasha Galea Sciberras LL.D., f'dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, kif ukoll ikun id-dar bejn it-20.30hrs u s-07.00am, fost kundizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur tal-Artikolu 579(2) tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imsemmi Janis Caruana u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 700 euro bħala depożitu, u 5,000 euro bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Barra minn dan, l-imputat Janis Caruana huwa akkużat talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' kundanna, tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali;

Rat illi l-prosekuzzjoni irtirat ir-raba' imputazzjoni filwaqt li ddikjarat li t-tieni imputazzjoni giet imputata bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-ewwel, tat-tielet, tal-hames, tas-sitt, tas-seba' u tat-tmien imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-posizzjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-ewwel, tat-tielet, tal-hames, tas-sitt, tas-seba' u tat-tmien imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-imputat, il-Qorti tosserva illi l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li l-oggett misruq giet ritornat lil sidu. Madankollu l-Qorti tosserva li l-imputat kiser ukoll il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest u li prezentement huwa qieghed jiskonta piena karcerarja.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 267, 270, 271 (g), u 289 tal-Kodici Kriminali, artikolu 15 (1) (a) u artikolu 61 (1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 13 (2) u 44 (5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja

368.02 u artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Janis Caruana** ħati tal-ewwel, tat-tielet, tal-hames, tas-sitt, tas-seba’ u tat-tmien imputazzjoni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta’ **seba’ (7) xhur priġunerija effettiva u ghall-hlas ta’ multa ta’ elfejn, sitt mija u tletin ewro (€2630) u ghall-hlas ta’ ammenda ta’ mitt ewro (€100). Il-Qorti qieghda wkoll tirrevoka l-helsien mill-arrest moghti lill-imputat permezz ta’ digriet datat 15 ta’ April 2015 u tordna l-konfiska tas-somma ta’ hamest elef u seba’ mija u hamsin ewro (€5750) rapprezentanti garanzija ai termini tal-istess digriet.** Il-Qorti mhux qed tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni peress li din giet moghtija in alternattiva ghall-ewwel wahda, u wkoll mhux qed tiehu konjizzjoni tar-raba’ imputazzjoni peress li din giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Finalment il-Qorti qieghda tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti tordna komunika ta’ din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati Kriminali ai fini tal-konfiska tas-somma tal-garanzija.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur